

— tiddikjara li l-Kummissjoni Ewropea kienet obbligata tħallas l-interessi minħabba d-dewmien fil-ħlas effettiv tat-talbiet interim indebitament sospiżi;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors huwa intiż kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinterrampi t-terminu perentorju għal ħlas fir-rigward tat-talba għal ħlas interim magħmula minn Spanja fil-11 ta' Diċembru 2009. Din it-talba għal ħlas interim, li tammonta għal EUR 27 754 408,38 tikkorrispondi għall-Programm Operattiv ta' Intervent Komunitarju tal-Fond Soċjali Ewropew li jaqa' taħt l-għan ta' konverġenza tal-Comunidad Autónoma de Galicia (CCI 2007ES051PO004).

Il-motivi u argumenti prinċipali huma l-istess bħal dawk invokati fil-Kawża T-263/10 Spanja vs Il-Kummissjoni.

#### **Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2010 — Spanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-266/10)**

(2010/C 221/86)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

#### **Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: N. Díaz Abad, abogado del Estado)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

#### **Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla, abbażi tar-raġunijiet esposti fit-Taqsima I tal-motivi ta' dan l-att, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-11 ta' Mejju 2010, li tinterrampi t-terminu perentorju għall-ħlas fir-rigward tat-talba għal ħlas interim magħmula minn Spanja fil-10 ta' Diċembru 2009;

— tiddikjara li l-Kummissjoni Ewropea kienet obbligata tħallas l-interessi minħabba d-dewmien fil-ħlas effettiv tat-talbiet interim indebitament sospiżi;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors huwa intiż kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinterrampi t-terminu perentorju għal ħlas fir-rigward tat-talba għal ħlas interim magħmula minn Spanja fi-10 ta' Diċembru 2009. Din it-talba għal ħlas interim, li tammonta għal EUR 6 509 540,26 tikkorrispondi għall-Programm Operattiv ta' Intervent Komunitarju tal-Fond Soċjali Ewropew li jaqa' taħt l-għan ta' kompetitività reġjonali tal-País Vasco; CCI 2007ES052PO010).

Il-motivi u argumenti prinċipali huma l-istess bħal dawk invokati fil-Kawża T-263/10 Spanja vs Il-Kummissjoni.

#### **Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2010 — Conceria Kara vs UASI — Dima (Karra)**

**(Kawża T-270/10)**

(2010/C 221/87)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Conceria Kara Srl (Trezzano sul Naviglio, l-Italja) (rappreżentanti: P. Picciolini, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Dima — Gida Tekstil Deri Insaat Maden Turizm Orman Urünleri Sanayi Ve Ticaret Ltd Sti

#### **Talbiet tar-rikorrenti**

— l-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell, tad-29/03/10, li ddeċidiet fuq ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-UASI fir-rigward tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru B 1 171 453 ta' Conceria Kara kontra l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5 346 457.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* DIMA — TEKSTIL DERI INSAAT MADEM TURIZM ORMAN URÜNLERE SANAYI VE TICARET LTD. STI.

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark verbali "KARRA", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 9, 18, 20, 24, 25 u 35.

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Ir-rikorrenti.

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* It-trade marks figurattivi Taljani "KARA" (Nru 765 532, għal prodotti fil-klassi 35, u Nru 761 972, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 18 u 25), it-trade mark figurattiva Komunitarja Nru 887 810 ("KARA"), għal prodotti, fost oħrajn, fil-klassijiet 18 u 25, u l-isem kummerċjali tal-kumpanija Taljana "CONCERIA KARA S.R.L.", li l-użu tiegħu huwa invokat fir-rigward tal-istess prodotti u servizzi li jidħlu taħt it-trade marks imsemmija iktar 'il fuq.

*Deċizzjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni milqugħa parzjalment.

*Deċizzjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud.

*Motivi invokati:* Nuqqas ta' motivazzjoni u interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2010 — H vs Il-Kunsill u Oħrajn**

(Kawża T-271/10)

(2010/C 221/88)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* H (Catania, l-Italja) (rappreżentanti: C. Mereu u M. Velardo, lawyers)

*Konvenuti:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea u Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja-Herzegovina

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata tas-7 ta' April 2010 u, jekk ikun neċessarju, id-deċiżjoni tat-30 ta' April 2010;

— tordna lill-konvenuti jħallsu d-danni sostnuti mir-rikorrenti, stimati għal EUR 30 000;

— tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż tal-proċeduri, flimkien ma' interessi ta' 8 %.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti, skont l-Artikolu 263 TFUE, titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja-Herzegovina tas-7 ta' April 2010, u, jekk ikun neċessarju, tad-deċiżjoni ta' konferma tat-30 ta' April 2010, li fiha ġie deċiż li r-rikorrenti tiġi assenjata mill-ġdid mill-kwartieri ġenerali tal-missjoni f'Sarajevo lejn l-uffiċċju reġjonali fi Banja Luka, kif ukoll it-tnaqqis fil-livell tar-rikorrenti. Barra minn hekk, ir-rikorrenti titlob, skont l-Artikolu 340 TFUE, l-għoti ta' danni li jammontaw għal EUR 30 000.

Ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti Ġenerali m'għandhiex ġurisdiżjoni sabiex tiddeċiedi din il-kawża wara d-Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-6 ta' Ottubru 2006 fil-kawża F-53/06, Gualtieri vs Il-Kummissjoni.

Insostenn tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti tippreżenta dawn il-motivi li ġejjin;

L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni abbuż ta' poter, peress li ma kienx hemm raġuni oġġettiva li tiġġustifika r-riallokazzjoni.

It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni, peress li l-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja-Herzegovina ma mmotivatx ir-raġunijiet operattivi għar-riallokazzjoni.

It-tielet nett, kien hemm żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li ma kienx hemm bżonn urġenti li jiġi riallokatur prosekutur lejn l-uffiċċju reġjonali fi Banja Luka.

Barra minn hekk, kien hemm ksur tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/906/PESK tat-8 ta' Diċembru 2009 (!), peress li l-Kap tal-Missjoni ma kienx awtorizzat sabiex jassenja mill-ġdid lill-persunal iżda biss sabiex jipprova l-ġestjoni ta' kuljum tal-persunal.